**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Gimgha 5 ta' Mejju 2023**

**<u>Rikors numru: 119/2021 AGV</u>**

**LG**
**Vs**
**LL**

**Il-Qorti,**

**Rikors guramentat ta` LG datat 23 ta' April 2021 fejn ippremettiet is-segwenti :-**

1. Illi l-esponenti fis-sena 2001, kellha relazzjoni mal-konvenut liema relazzjoni intemmet fis-sena 2004.

2. Illi, min din ir-relazzjoni, il-partijiet kellhom tifel, LE G (data tat-twelid 12 ta` Dicembru, 2003), kopja certifikat tat-twelid anness u immarkat Dok LG 1.

3. Illi, ftit wara t-twelid tal-imsemmi minuri LE G, ir-relazzjoni intemmet bejn il-partijiet, u l-konvenut irrifjuta illi jirrikonnoxxi lil istess ibnu bhala l-missier naturali tieghu.

4. Illi, wara proceduri fil-Qorti tal-Familja intavolati mill-esponenti, sabiex l-konvenut ikun rikkonnoxxut bhala l-missier naturali ta` binha, il-Qorti tal-Familja tat id-decizjoni taghha datata 23 ta` Marzu, 2017, (Rikors Guramentat: 138/15 AL), fejn ordnat illi r-Registru Pubbliku jnizzel fl-annotazzjonijiet lill-konvenut bhala l-missier naturali tal-imsemmi minuri LEG

5. Illi l-konvenut baqa' qatt ma hallas centezmu bhala manteniment lil ibnu minuri u dan minn meta thassret ir-relazzjoni taghhom cioe' fis-sena 2004.

6. Illi b'hekk l-esponenti kellha tibda medjazzjoni sabiex l-konvenut jhallas rata mensili ta` manteniment lil ibnu f'ammont mensili kif wkoll retrospettivament. Izda, wara zewgt seduti mhollija apposta sabiex issir din il-medjazzjoni, l-konvenut baqa' ma deherx u qatt ma ikkuntattja lil esponenti sabiex forsi isir kuntratt bonariament.

7. Illi b'hekk inghalqet l-medjazzjoni 1259/20 u, permezz tad-digriet 625/21, datat 22 ta` Marzu 2021, din l-Onorabbli Qorti iddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lil esponenti sabiex tipprocedi b'kawza fi zmien preskritt mill-Ligi (kopja vera digriet annessa u immarkata bhala Dok LG 2).

8. Illi, l-esponenti ghamlet diversi tentattivi fis-sena 2005 ‘l quddiem sabiex tikkuntattja lil konvenut izda dan biddel in-numru tac-cellulari wkoll sabiex jibqa’ jevita l-obbligi tieghu li jhallas ghal manteniment dovut lil ibnu.

Ghaldaqstant, ighid ghalhekk il-konvenut surreferit ghaliex ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

**1.** Tiddikjara illi l-konvenut naqas illi jonora l-obbligi tieghu bhala missier naturali u jhallas ghal manteniment ta` ibnu LE G

**2.** Retrospettivament, tillikwida l-ammont dovut bhala manteniment lil minuri LE G b'mod li jirrifletti somma *lump sum* a favur l-esponenti in rapprezentanza tas-snin twal illi qatt ma ikkontribwixxa ghal ghejxien tal-istess ibnu msemmi minuri.

**3.** Tiffissa l-ammont dovut lill-esponenti bhala manteniment mensili ghan-nom tal-minuri L E G , liema manteniment jkopri sa meta l-minuri jkun maggorenni skond il- Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluz bl-imghax legali.

**Il-Qorti,**

Rat ir-Risposta Guramentata ta' LL datata 21 ta' Mejju 2021 fejn eccepixxa illi :-

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni odjerni hija milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar il-mertu, l-esponent ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mill-attrici fir-rikors guramentat taghha, liema huma inveritieri u nfondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent jirriserva minn issa d-dritt li jressaq xhieda in sostenn.

3. Illi brevement jinghad illi minn frekwentazzjoni bejn il-kontendenti nhar it-23 ta' Marzu 2017 twieled il-minuri L

4. Illi jirrizulta li l-esponent ried ikun involut fil-hajja tal-iben minuri ghal diversi snin, izda l-attrici preferiet tirregistrah bhala "missier mhux maghruf" sabiex tottjeni l-ghajnuna socjali minghand l-Istat, kif del resto dejjem ghamlet. Fil-fatt ser jirrizulta li hija kienet tinsisti mal-esponent li huwa mhux il-missier bijologiku tal-minuri u li kien frott ta' relazzjoni li hija kellha ma' terz.

5. Illi fil-fatt meta wara ghadd ta' snin, l-attrici finalment ipprocediet bil-kawza ghar-rikonoxximent, l-esponent m'oggezzjonax, purche' jsiru t-testijiet genetici, stante li hija kienet dejjem qaltlu li huwa mhux il-missier.

6. Illi l-attrici qatt ma riedet lill-esponent f'hajjet ibnu u ghamlet minn kollox biex teskludih totalment u dan bir-rispett jirrizulta wkoll mir-rikors guramentat innifsu f'liema hija qed titlob biss manteniment u arretrati tal-istess, minghajr ma talbet xejn dwar kura u kustodja u/jew access li huwa ghandu jgawdi versu l-wild minuri.

7. Illi ghaldaqstant, fir-rigward tat-talbiet, l-esponent jissottometti s-segwenti:-

   1. Illi l-esponent jopponi ghall-ewwel talba stante li jekk kien hemm xi nuqqas da parti tieghu fattwalment huwa attribwibbli lill-agir tal-attrici nnifisha li ghamlet minn kollox biex tizradikah minn hajjet il-wild minuri.

   2. Illi fir-rigward tat-tieni talba, l-esponent jopponi bil-qawwa ghall-istess u fi kwalunkwe kaz, jissottometti illi l-istess talba hija milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza.

   3. Illi l-esponent m'ghandux diffikulta` illi jmantni lill-ibnu skond il-mezzi u l-qliegh tieghu, dawk tal-omm u fuq kollox il-bzonnijiet tal-minuri.

   4. Illi finalment, l-esponent jopponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

1. **L-attrici** ltaqghet mal-konvenut meta kellha tlettax-il sena u ta' hmistax-il sena kienet harget tqila b'L . Peress li l-genituri taghha kienu haduha bil-kbir, ma tantx setghet tiehu parir minghandhom. Minkejja li l-konvenut kien iwieghdha li kollox kien ser ikun tajjeb, meta twieldet it-tarbija, bdiet ittih rasu minhabba l-ispejjes.

   Il-genituri tal-konvenut kienu nfurmawha li ma setghux ighinuha finanzjarjament u ghalhekk kien ahjar li tirregistra lit-tifel fuq « unknown father. » Kienu damu xi sena u nofs flimkien wara li twieled it-tifel u mbaghad il-konvenut kien jara lit-tifel kull nhar ta' Gimgha u xi kultant kien jixtri xi bzonnijiet ghall-minuri bhal nappies u halib. Tinnega li kien xtara xi pushchair jew xi affarijiet ghat-tifel. Dina l-verzjoni hija kkonfermata minn omm l-attrici JC , li kkonfermat li qatt ma rat lill-konvenut ighaddi flus lill-attrici ghal binhom.

   Kien hemm okkazzjoni fejn l-attrici kienet talbet lill-konvenut sabiex jaqsmu l-ispejjes u jixtru drums ghat-tifel. Minn dakinhar ma regax mar ghat-tifel u lanqas setghet tikkomunika mieghu ghax biddel il-mobile. Minn dakinhar sallum, il-konvenut qatt ma hallas manteniment ghat-tifel li llum huwa maggorenni. Imbaghad, kienet fethet kawza ghad-dikjarazzjoni ta' paternita'.

   L-attrici tikkonferma li llum tahdem mal-Owners Best.

Tghid li ommha kienet tghinha mill-paga li kien ighaddilha missierha u anke missierha kien ighinha hafna. Meta telqet lill-konvenut kienet marret tghix f'post bil-kera li kienet cirka €60 fix-xahar u kienet sussidjata mill-Gvern. Omm l-attrici kkonfermat ukoll li l-kera kienet tammonta ghal Lm500 fis-sena u dan wara li waslu ghall-arrangjament ma' sid il-kera u missier l-attrici rranga l-post u gabulha gebel u saqaf u sa anke biddel id-dawl u l-ilma. Ipprezentat ukoll il-kuntratt ta' kirja.[1]

Tghid li fethet dina l-kawza wara tlettax-il sena peress qabel ma kellhiex flus. It-tifel gie rikonoxxut bhala tal-konvenut, izda ddecidew li jzomm il-kunjom G .

**Il-konvenut** jispjega li sakemm kien taht l-impressjoni li l-minuri huwa tieghu, kien jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri kull meta kienet titolbu l-attrici. Kien ihallas in kontanti. Jammetti li kellu l-ispejjes tal-karozza ghax kellu loan fuqha u ghalhekk gieli kien jitlob lill-genituri tieghu sabiex ighinuh.

Il-konvenut jishaq ukoll li meta hassru u ried jaqleb it-tifel fuq ismu, l-attrici kienet bdiet tghidlu li t-tifel mhux tieghu sakemm kien konvint li ma kienx minhabba d-dubji li qajmitlu. Ghal bidu kien jara lil ibnu darba f'gimgha, izda mbaghad meta beda jahseb li t-tifel mhux tieghu, kien waqaf il-kuntatt kompletament. Sadanittant kien mar jistudja barra minn Malta u sar jaf li kienet saret kawza ta' paternita' mill-attrici.

Wara li gie kkonfermat bhala l-missier tat-tarbija, jammetti li pprova jaghmel kuntatt mal-attrici u kien hemm darba fejn kien iffirma l-passaport ghall-minuri.

---

[1] Dok. JC 1 u JC 2

Ighid li sallum m'hemmx relazzjoni ma' ibnu minkejja li ghamel tenattivi.

Il-konvenut jishaq li l-qaghda finanzjarja tieghu mhix wahda tajba u dan minhabba li kien ha kumpanija u minhabba ma kinitx sejra tajjeb u kien hemm xi kontijiet ta' cirka €150,000, flimkien mal-VAT x'jithallsu.

Il-konvenut ipprezenta ukoll l-FS'3s mis-sena 2016.[2]

**Louis Buhagiar**, in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-konvenut.[3] Ipprezenta ukoll l-employment u registration history tal-partijiet.[4]

**Saviour Theuma**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali pprezenta dokumentazzjoni sabiex juri l-beneficcji kollha li tircievi l-attrici. Kienet tiehu l-assistenza socjali, kienet qed tahdem u hadet bicca beneficcju mal-paga, children's allowance u kellha ukoll xi child bonus.

**Dr. Christopher Spiteri in rapprezentanza ta' Trasport Malta** pprezenta informazzjoni dwar vetturi li hemm registrati f'isem l-attrici, kif ukoll dokumentazzjoni dwar vettura li kien hemm irregistrata f'isem l-attrici.[5]

**B L ,** hu l-konvenut jikkonferma li sakemm il-partijiet kellhom tarbija kienu jimxu sew u dan kien jafu ghax kien johrog maghhom ta' spiss. Ighid li d-dizgwid beda wara li twieled it-tifel u dan minhabba l-ispejjes li kellhom. Jikkonferma ukoll li ommu kienet tghin finanzjarjament billi tixtri l-halib u l-hrieqi.

---

[2] Dok. LL1
[3] Dok. LB 1
[4] Dok. LB 2
[5] Doka. CS 1 u CS 2

**LC** ghandha tifla minghand il-konvenut u kkonfermat li l-konvenut mill-ewwel kien qalilha li ghandu tifel minghand l-attrici. Tikkonferma li kienet taf li kien imnizzel fuq "unknown father," izda mbaghad gie kkonfermat bhala ibnu.

**RL** omm il-konvenuta tispjega li meta twieled it-tifel L, kienu ddecidew li jghinu l-partijiet finanzjarjament minhabba li kienu ghadhom zghar. Tghid li kienu anke xtraw bzonnijiet ghat-tarbija bhal car seat u sodda ghat-tarbija. Wara li twieldet it-tarbija, l-attrici regghet marret tghix lura d-dar ghaliex ma kellhomx fejn iraqqduhom u ftit wara irregistrat lil L fuq "unknown father " u kienu ddispjacuti, minkejja li kienu jifhmu li l-attrici kienet ghadha zghira u ma kinitx tahdem.

Tispjega li l-ftehim kien li meta tahdem u tirkupra taqleb it-tifel fuq il-konvenut. Tghid ukoll li kienet ghamlitlu l-festin tal-Maghmudija. Tghid ukoll li kienu jhallsu ghall-bzonnijiet tat-tifel bhall-ispejjes tat-tabib. Il-manteniment tghid li kien ihallsu l-konvenut bejn mija u hamsin u mitejn lira Maltin.

Id-dizgwid beda peress li l-attrici bdiet tinsisti li ghandu jtiha izjed manteniment. Tghid li peress li ma kellux minn fejn, il-konvenut insista li ma jghaddilhiex izjed flus, spiccat theddu li mhux ser turih it-tifel.

Omm il-konvenut tispjega li kienet xorta tmur bix-xirjiet, izda l-attrici u l-familja taghha bdew jirrifjutawhom ghax riedu flus, imbaghad spiccat li kienet taghmilhomlhom xorta u thallihom wara l-bieb taghhom.

**Vince Baldacchino,** in rapprezentanza ta' Owners Best ikkonferma li l-attrici ilha tahdem maghhom minn Gunju, 2021 bhala self-employed u tithallas allowance li huwa €1000 gross fix-xahar.[6]

## KONSIDERAZZJONIJIET

### L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni

### PRESKRIZZJONI Art.2156(b) TAL-KODICI CIVILI

Il-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (b) tal-Kodici Civili. L-attrici qed titlob l-arretrati ta' manteniment minn meta twieled binhom fit-12 ta' Dicembru 2003.

L-**Artikolu 2156(b) tal-Kapitolu 16** jipprovdi hekk:-

**2156.** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

…. Omissis …

*(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;*

### IKKUNSIDRAT

Bhala regola ġenerali tad-dritt, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed

[6] Dok. VB 1

qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, (Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili).

**Interruzzjoni tal-Preskrizzjoni**.

« In kwantu ghall-kawzi li jiksru l-preskrizzjoni, li huma rravvizati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 2127 *et seq*. tal-Kodici Civili, huwa assodat fil-gurisprudenza tal-qrati taghna li una volta jkun gie stabbilit t-terminu preskrittiv applikabbli ghall-azzjoni u l-perkors taz-zmien statutorju, l-oneru tal-prova li tkun saret interuzzjoni tal-preskrizzjoni u b'liema mod saret l-interruzzjoni, ma jispetta lil hadd hlief lill-attur, u in mankanza ta' tali prova l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi akkolta. Ma jidhirx mis-sottomissjonijiet li ghamlet l-attrici fir-rigward, li d-difiza taghha kontra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi msejsa fuq l-interruzzjoni tal-perkors taz-zmien minhabba xi hlas akkont tal-manteniment da parti tal-konvenut, u baqghet ma ressqet ebda prova konkreta fir-rigward.

Difatti l-Artikolu 2156(b) jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni, indipendentement minn fejn originat, "***ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment.***" Naturalment bhal fil-kazijiet kollha fejn tigi eccepita l-preskrizzjoni din tista' tigi kumbattuta b'success bil-prova ta' l-interruzzjoni taghha.

***"Provocata la prescrizione incombe all'attore di provare la sua interruzione; ed in difetto di tale prova, l'eccezione di prescrizione non puo` essere rigettata."*** (**Vol. XIX P I p 5**). Dan proprju ghaliex il-preskrizzjoni tohloq l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni. Dan unikament fuq id-dekors taz-zmien u l-inazzjoni tal-kreditur. Minbarra l-prova ta' l-interruzjoni l-attur ghandu wkoll ghad-disposizzjoni tieghu mizuri ohra

effikaci bhas-sospensjoni, ir-rinunzja, jew, addirittura, li l-preskrizzjoni invokata mhix applikabbli. Ara fir-rigward id-decizjoni fl-ismijiet "**Stuart G. Craig et –vs- George Mifsud et**", Appell, 27 ta' Marzu 1998 u r-rakkolta tas-sentenzi fiha kompendjata;

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Luciano Martinelli noe v. Saviour Pisani**[7]:-

***"il-vera posizzjoni, f'kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li timporta prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b'xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilità, is-sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni." (Kollez. Vol. XXXVII PII p621)."***

**<u>Sospensjoni tal-Preskrizzjoni</u>**

**Artikolu 2123 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

***"Il-preskrizzjoni ma timxix -***

***(a) bejn ir-raġel u l-mara;***

***(b) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri;............"***

« Fis-sentenza **Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmoud Faraj Abdul sive C Kareem**[8], gie applikat l-artikolu appena citat fis-sens illi

---

[7] Appell Civili 92/97 deciza fit-22 ta' Gunju 2005.
[8] Citaz. Nru. 533/2000 deciza 9 a' Dicembru, 2002.

l-preskrizzjoni ma timxix *inter alia*, bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-ġenituri.

Ghalkemm jigi osservat li l-attrici lanqas tirribatti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bl-invokazzjoni tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni skond l-Artikoli appena msemmija, il-Qorti tqis li fir-rigward ghandha tikkunsidra jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ iwasslux għas-sospensjoni tal-preskrizzjoni.

Ġaladarba hija l-ligi stess li tipprovdi l-eccezzjoni kontra r-regola generali li d-dekors taz-zmien jestingwi l-azzjoni, il-Qorti ghandha s-setgha, anzi d-dmir, illi tqanqal u tapplika hija stess, anke in mankanza tal-oppozizzjoni espressa tal-parti attrici, il-posizzjoni legali korretta meta din tigi riskontrata fil-provi akkwiziti fl-atti. Dan fuq l-iskorta tal-dottrina kostanti in materja li tirritjeni illi, minhabba n-natura odjuza tal-preskrizzjoni, dan l-istitut ghandu jigi applikat bl-iktar mod restrittiv u fil-kamp civili l-Qorti ma ghandhiex testendi l-applikazzjoni ta' eccezzjoni b'mod generiku u minghajr qies tal-eccezzjonijiet ghar-regola dwar il-preskrizzjoni.[9] »

[9] **Albert Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine** (1 ta' Lulju 1997) Appell Civili

Is-sospensjoni tal-preskrizzjoni hija relatata mal-istat taz-zwieg, u dment li dan ghadu jissussisti, tezisti bejn il-koppja relazzjoni li ma tippermettix li jibda jiddekorri z-zmien tal-preskrizzjoni fir-rigward ta' pretensjonijiet reciproci. Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u tqis illi f'dawk il-kazijiet fejn, stabbilit it-terminu preskrittiv u l-perkors taz-zmien applikabbli in sostenn tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, izda fejn ma tkunx giet invokata s-sospensjoni tal-perkors taz-zmien, hija ma ghandha ebda diskrezzjoni li tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni minghajr ma tindaga hija stess minn meta l-allegata preskrizzjoni setghet bdiet tghaddi. Kif ritenut in propositu:-

> ***"Ghal dik li hija sospensjoni tal-preskrizzjoni nsibu li fis-sub-Titolu II tat-Titolu XXV tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-ligi telenka l-kazi meta preskrizzjoni hija sospiza billi ma timxix kontra l-assenti, l-wirt battal, bejn ir-ragel u l-mara, bejn il-genitur u t-tifel li hu taht is-setgha tal-genituri u kazi simili. Il-lista hija ezawrjenti u ma jidhirx, minn ebda provvedimenti fir-rigward, li l-legislatur halla xi poteri diskrezzjonali fil-gudikant."8***

Jinsab ulterjorment rapportat fis-sentenza fl-ismijiet **Albert Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine**, illi:-

> ***"ghalhekk la l-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ta' hames snin – anke kieku l-partijiet ma jghidu xejn – il-Qorti dejjem u f'kull kaz, trid tindaga minn liema data dik il-preskrizzjoni bdiet tirrikorri u meta mhux awtorizzata mill-provi tal-pretensjoni li tistabbilixxi dik id-data, awtomatikament trid tichad l-eccezzjoni."""[10]***

---

[10] AB vs CD 132/14 RGM deciza 31 ta' Mejju,. 2018

Ikkunsidrat

Il-Qorti tosserva illi l-konvenut ghandu dover fondamentali tal-genitur li jipprovdi manteniment lil uliedu, liema manteniment jinkludi wkoll fih spejjez dovuti ghas-sahha u edukazzjoni. Il-Kodici Civili jiddefinixxi bil-mod segwenti dan l-obbligu tal-genitur, fl-**Artikolu 3B**:-

> ***(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.***

Imbaghad, fis-Sub-titolu II intitolat *"Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet Bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa*", insibu l-**Artikolu 7** li jipprovdi hekk:-

> ***(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.***
>
> **Artikolu 19**
>
> ***(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.***
>
> ***(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.***
>
> **Artikolu 54**

… omissis …

***(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom, u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied …***

***…omissis …"***

***[sottolinejar tal-Qorti]***

Konformement mal-premess, il-Qorti tifhem illi, stabbilit li l-manteniment huwa dovut skont il-ligi lill-ulied, il-wild ghandu dritt azzjonabbli kontra l-genitur ghall-fornitura ta' manteniment, u fejn il-manteniment jikkonsisti, f'kaz ta' firda bejn il-genituri, fi hlas ghall-manteniment, il-wild ghandu dritt li jezercita din l-azzjoni direttament kontra l-genitur li huwa obbligat ghal dan il-hlas.

Madanakollu, hawnhekk irid jittiehed qies tal-fatt illi ghalkemm hija l-attrici, omm l-ulied, li qed tezercita l-azzjoni ghall-hlas ghall-manteniment, dan qieghda taghmlu ghaliex skont l-Artikolu 781 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-minuri m'humiex kapaci li joqghodu wahedhom f'kawza bhala atturi jew bhala konvenuti. Izda l-ftehim bejn il-partijiet li r-ricevitur tal-manteniment dovut lill-ulied ghandha tkun l-attrici, fil-fehma tal-Qorti ma jibdel u jnaqqas xejn mill-fatt illi l-manteniment mitlub mill-attrici huwa dovut lill-ulied tal-partijiet bhala dritt moghti lilhom mil-ligi. Dan id-dritt huwa azzjonabbli mill-ulied fil-konfront tal-genitur li huwa d-debitur tal-obbligazzjoni u fil-kaz odjern huwa wkoll espressament moghti lill-attrici d-dritt ghall-azzjoni ghall-hlas tal-istess manteniment.

Madanakollu, kif gia` stabbilit, il-preskrizzjoni ma timxix bejn il-minuri u l-genitur u lanqas bejn il-mizzewgin. Ghalhekk, irrispettivament minn liema ottika wiehed ihares lejn l-obbligu tal-konvenut ghall-hlas tal-manteniment u lejn d-dritt korrispondenti ghall-hlas tal-manteniment, jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni ghall-azzjoni ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment kontra l-konvenut, kemm bhala l-genitur ta' wliedu minuri obbligat ghall-manteniment taghhom, kif ukoll bhala l-attrici li ghandha d-dritt tircievi l-hlas ghan-nom ta' wliedha, hija sospiza u ma timxix.

**« B'applikazzjoni tal-Artikolu 2126 tal-Kap 16 il-preskrizzjoni tal-azzjoni ghall-hlas tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal kull wiehed minn ulied il-partijiet kienet sospiza sakemm dak il-wild ghalaq l-eta` maggorenni. Fi kliem iehor, il-preskrizzjoni tibda miexja kontra l-istess ulied mid-data meta jaghlqu l-eta` maggorenni in kwantu ghall-manteniment lilhom dovut. »**

***"Il-preskrizzjoni mibdija u sospiza, tissokta timxi minnufih li tispicca r-raguni tas-sospensjoni taghha". »***[11]

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta li fid-data meta giet intavolata l-azzjoni odjerna mill-attrici, cioe` fit-23 ta' April, 2021, it-tifel kien ghadu minuri u ghalhekk isegwi li meta nfethet din il-kawza, bin il-partijiet kien ghadu minorenni, l-azzjoni attrici in kwantu tikkoncerna t-talba ghall-hlas ghall-manteniment dovut lilhom rispettivament, ma tistax titqies li hija preskritta ghaliex il-preskrizzjoni kienet ghadha lanqas bdiet miexja kontra l-minuri. Semmai bdiet miexja fit-12 ta' Dicembru, 2021 u cioe' meta L sar maggorenni, izda sallum ghaddew biss kwazi sentejn minn meta nfethet il-kawza, ferm boghod mill-hames snin li qed jecepixxi l-konvenut. Konsegwentement l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tat-talba ghall-hlas tal-arretrati tal-manteniment dovut ghal L  qed tigi michuda.

**<u>Arretrati ta' Manteniment</u>**

Skond l-Artikolu 3B(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-obbligu ta' manteniment ghall-ulied minuri, jserrah fuq zewg genituri b'mod ugwali u mhux biss fuq il-genitur li l-minuri ma jkunx jghix mieghu u/jew il-genitur li jkun jahdem.

[11] AB vs CD 132/14 RGM deciza fil-31 ta' Mejju, 2018.

Issir referenza ukoll ghall-artikolu 54 tal-Kap.16 tal-Ligjiet ta' Malta fejn huwa stabbilit li sabiex jigi kkalkolat l-ammont ta' manteniment ghall-ulied ghandhom jitqiesu l-mezzi tal-mizzewwgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewwgin u tal-ulied, inkluz dan li gej: (a) il-bzonniiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu c-cirkostanzi kollha taghhom; (e) kull qliegh jew beneficcju li l-mizzewwgin, jew min minnhom, jircievu skont il-ligi, minbarra kull ghajnuna socjali li mhix kontributorja li tkun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali.

Mill-provi jirrizulta li tul dawn is-snin, l-attrici dejjem ghaddiet bil-beneficcji socjali u kien biss fl-2021 li bdiet tahdem mal-Owners' Best. Filwaqt in kwantu jirrigwarda l-konvenutipprezenta l-FS3's tieghu sa mis-sena 2016 u jirrizulta li dejjem kien jahdem full-time, ghalkemm il-paga mhix wahda fenomenali.

Il-konvenut jibqa' jinsisti li kien hallas lill-attrici l-manteniment u kien ihallas in kontanti. Dan hu michud mill-attrici.

Illi ghalhekk, il-kawza tiddependi mill-kredibilita' tal-partijiet u tax-xhieda prodotti minnhom. Apparti li mill-assjem tal-provi, il-verzjoni tal-konvenut hija aktar verosimili u kredibbli minn dik tal-attrici, il-Qorti hi tal-fehma li l-istess attrici m'ghandhiex tigi ppremjata talli qabdet u rregistrat lill-minuri bhala iben missier mhux maghruf, cahhdet lill-konvenut milli jara lill-ibnu – bil-konsegwenza li dan it-tifel, ormai maggorenni, kiber minghajr missier – u issa tippretendi arretrati ta' manteniment. Dan ifisser li l-attrici kienet taf li l-konvenut huwa fil-fatt il-missier ta' binha, eskludietu minn hajtu, u mank ressqet ricevuta wahda tal-infiq illi ghamlet tul dawn is-snin kollha.

Ghalhekk, il-manteniment li sejra tillikwida l-Qorti bhala arretrati sejra tmur lura biss sa meta kienet giet deciza l-kawza ta' paternita', li tirrizulta biss mic-certifikat tat-twelid tal-istess tifel, peress illi ma gietx esebita dik is-sentenza.

Skond dak ic-certifikat, il-kawza giet deciza fit-23 ta' Marzu 2017. Ghalhekk, sakemm it-tifel ghalaq l-eta' ta' tmintax-il sena, jigifieri 23 ta' Dicembru 2021, ghaddew erba' snin u disa' xhur.

Peress illi ma ngabu ebda provi dwar dhul tal-partijiet, jew spejjez inkorsi, il-Qorti sejra tillikwida manteniment fis-somma ta' €150 fix-xahar ghal dan il-perjodu, li ghalhekk ghal 57 xahar jammontaw ghal **€8,550.00.**

**Hlas ta' Manteniment**

L-attrici qed titlob il-hlas ta' manteniment ghall-binha L, li fil-mori tal-kawza ghalaq tmintax-il sena u ghalhekk huwa maggorenni.

Il-konvenut jinsisti li binhom jahdem, izda ma tressqux provi dwar dan u ghalhekk ghall-Qorti m'hemmx dina c-certezza. L-Artikolu 3B (2a) jikkontempla illi:-

> *(2)* "***L-obbligu li l-genituri ghandhom li jipprovdu l-manteniment skond is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi skont il-mezzi taghhom, u fejn ma jkunx ragonevolement possibbli li l-ulied jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied.***"

Mill-provi ma jirrizultax ukoll jekk L jistudjax jew le, izda minhabba li fl-assenza ta' provi dina l-Qorti ma tistax tikkonstata dan tordna li ghandu japplika l-Artikolu 3B (2a) tal-Kodici Civili u dan sakemm ma jirrizultax li L ghandu impjieg full time u dan stante li llum huwa maggorenni.

Fis-sentenza **Martina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019 inghad hekk:-

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita' izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita' ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom."***

Fis-sentenza **TC vs RM** deciza minn dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fl-24 ta' Gunju, 2019, Rik. Nru 272/2018 gie ritenut illi:-

"***…il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."***

Kif gia' inghad, ma gew prodotti ebda provi dwar iben il-partijiet, jekk huwiex jistudja jew huwiex qed jahdem. Il-Qorti tifhem illi huwa l-obbligu tal-genituri t-tnejn li jmantnu lit-tfal taghhom, izda f'dan il-kaz l-ehfef haga ghall-attrici kienet li tressaq provi f'dan ir-rigward, haga li baqghet m'ghamlitx. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tippresumi la jekk it-tifel qieghed jahdem, u lanqas jekk huwiex jistudja. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghall-hlas ta' manteniment, ladarba t-tifel huwa maggorenni.

Isegwi ghalhekk li gialadarba z-zewg genituri ghandhom introjtu huwa obbligu taghhom li jikkontribwixxu ghall-ispejjes u bzonnijiet ta' binhom. Il-Qorti taqbel mal-konvenut li l-attrici naqset li tipproduci provi li jistghu jiddentifikaw u jikkwantifikaw l-ispejjes li ghandha l-attrici ghal binhom.

Flimkien mal-fatt li lanqas ma gie ndikat lil dina l-Qorti jekk L kienx qed jahdem jew jistudja u ghalhekk il-kaz kif mibni mill-attrici huwa pjuttost mizeru u deludenti.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tichad l-ewwel talba attrici;

ii) Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li jithallas l-ammont ta' €8,550 mill-konvenut bhala arretrati;

iii) Tichad it-tielet talba.

L-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony J Vella** **Registratur**